# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**31/18**

**Minuti tal-wieħed u tletin (31) Laqgħa b'Urgenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar l-Erbgħa, 29 t'Awwissu, 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku (wasal fil-5.42 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzat:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (bagħat ittre, impenjat) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:*** ***Talba għad-Devoluzzjoni tal-Art biswit il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera***

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.35 ta' filgħaxija.

**1** ***Talba għad-devoluzzjoni tal-Art biswit il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.***

1.1 Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi nforma lill-Kunsillieri preżenti li huwa tkellem ma min huwa intiż fejn qalulu li hemm iċ-ċans li ningħataw id-devoluzzjoni tal-art biswit il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Huwa saħaq li din hija viżjoni u li tkun ideali. Saħaq li dan il-bini m'għandux jintilef.

1.2 Is-Sinj Mariella Micallef qalet li kieku jkunu jistgħu jtellgħu *Day Centre.*

1.3 Is-Sur Charles Camilleri qal li din id-devoluzzjoni kienu applikaw għaliha fi żmien l-eks Sindku s-Sur Michael Caruana u li darb'oħra kienu ddeċiedew li l-Kunsill Lokali jitressaq fil-kantuniera fl-istess Kumpless ta' Umberto Calosso.

1.4 Is-Sindku żied jgħid li jidher li hemm iċ-ċans li jieħdu din l-art u li jibqa' jinżamm il-bini u jieħdu l-art biswit. Huwa semma l-fatt li jkun hemm bżonn li tittieħed *loan* u jagħmel tajjeb l-bini tal-Kunsill.

1.5 Is-Sinj Micallef qalet li fuq kera ma jagħtux *loan.*

1.6 Is-Sur Camilleri saħaq li l-iżball kien meta dan il-post ma nxtarax.

1.7 Is-Sindku s-Sur Anastasi tenna li l-bibien huma miftuħa u jkunu jistgħu jitolbu għall-Berġa, *Day Centre*, Post għat-tfal għal IT u Librerija, Uffiċini għall-Kunsill Lokali u *Conference Rooms*, eċċ.

1.8 Is-Sindku s-Sur Anastasi staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk humiex qed jaqblu mal-proponiment tiegħu li jitolbu għad-devoluzzjoni tal-Art biswit il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

1.9 Il-Kunsilliera Mariella Micallef issekkondat u kullħadd qabel

1.9.1 Favur – 5 voti

1.10 Il-Laqgħa intemmet fis-5.47 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati l-lum, 5 t'Ottubru 2012